**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-27 ta' Gunju 2022**

**Rikors Numru : 62/2022 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**NA**

**U**

**EV**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' NA u EV datat 2 ta' Frar 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti zzewgu fit-tmintax (18) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017), liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta skond kif jirrizulta mic-ceritifkat taz-zwieg relattiv Nru 499/2017 (hawn anness u mmarkat bhala 'Dokument A');*

2. *Illi minn dan iz-zwieg ma kellhom ebda tfal;*

3. *Illi r-rikorrenti gew debitament awtorizzati jghaddu ghall-kuntratt ta' separazzjoni in forza ta' Digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) bin-numru elf, erba mija wiehed u disghin tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (1491/21) kopja tad-digriet qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala 'Dokument B')'*

4. *Illi l-paritjiet ottjenew is-separazzjoni konsenswali personali in forza ta' kuntratt*

*ta' separazzjoni data l-ghaxra (10) ta' Settembru tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (10/11/2021) fl-atti tan-Nutar Dottor Clinton Bellizzi, (kopja ta' liema kuntratt qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala 'Dokument C');*

5. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn ir-rikorrenti stante illi ilhom de facto separati mill-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (1/02/2021), kif iddikjarat fil-klawzola numru wiehed (1) tal-kuntratt tas-separazzjoni hawn mehmuz bhala Dokument C, stante illi minbarra li ilhom jghixu separatament, illum ghandhom hajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;*

6. *Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi, senjatament il-klawzola numru tlieta (3) tad-Dokument C, ir-rikorrenti irrinunzjaw reciprokament ghall-hlas ta' manteniment minghand xulxin;*

7. *Illi ghalhekk, il-partijiet ma ghandhom l-ebda kwalsiasi pretensjoni fil-konfront ta' xulxin, inkluz l-ebda hlas ta' manteniment;*

8. *Illi dawn il-fatti jinkwadraw ruhhom u jissodisfaw il-kundizzjonijet u kriterji kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex ir-rikorrentii jiksbu d-divorzju.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet iccelebrat nhar it-tmintax (18) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom; u*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mil-stess Qorti, jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**NA xehdet** (vide affidavit fol 25) illi l-kontendenti zzewgu nhar it-18 ta' Marzu 2017 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 10 ta' Settembru 2021 fl-atti tan- Nutar Dr Clinton Bellizzi, izda kienu ilhom jghixu separatament sa mill-bidu ta' Frar 2021. Iddikjarat illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Di piu' ikkonfermat illi ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**EV xehed** (vide affidavit fol 26) u kkonferma u kkollabora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-18 ta' Marzu 2017, liema zwieg jgib certifikat numru 499/2017 (Vide Dok A certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Clinton Bellizzi nhar l-20 ta' Settembru 2021 (vide Dok. B fol 6 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest

mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 499/2017 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**